

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2442****tat-12 ta' Diċembru 2022****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-evakwazzjoni ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-3 ta' Frar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 <sup>(1)</sup>.
- (2) Mill-1 ta' Ġunju 2021, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) organizza u mexxa l-evakwazzjoni tal-Afgani, b'mod partikolari ta' dawk li kienu ħadmu għar-Rappreżentant Speċjali tal-UE fl-Afganistan, maħtur mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2001/875/PESK <sup>(2)</sup>, jew għall-EUPOL AFGHANISTAN, stabbilit mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/369/PESK <sup>(3)</sup>, ta' Afgani oħra partikolarment vulnerabbli li kienu kkollaboraw mal-Unjoni, u tal-qraba stretti dipendenti tagħhom.
- (3) Lista ta' persuni eliġibbli għall-evakwazzjoni skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 (il-"lista") ġiet stabbilita u aġġornata mis-SEAE.
- (4) Minħabba s-sitwazzjoni fl-Afganistan, l-evakwazzjoni ta' persuni fil-lista, li għadhom friskju waqt li jinsabu fl-Afganistan, ma tistax titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (5) L-azzjoni skont id-Deċiżjoni (PESK) 2022/151 jenħtieġ tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2023 sabiex tkun tista' ssir l-evakwazzjoni ta' persuni partikolarment vulnerabbli fuq il-lista,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/151, fis-sentenza introdutturja, id-data "31 ta' Diċembru 2022" hija sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2023".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/151 tat-3 ta' Frar 2022 dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-evakwazzjoni ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan (ĠU L 25, 4.2.2022, p. 11).

<sup>(2)</sup> L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2001/875/PESK tal-10 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħatra tar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 326, 11.12.2001, p. 1). (Mhux disponibbli bil-Malti)

<sup>(3)</sup> L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/369/PESK tat-30 ta' Mejju 2007 dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN) (ĠU L 139, 31.5.2007, p. 33).